# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April2017**

**Numru 19**

**Rikors numru 381/11 AE**

**Health Services Group Limited (C.16298)**

**v.**

**Id-Direttur tal-Kuntratti u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet is-socjeta` attrici fit-18 ta' April, 2011, u li jaqra hekk:

> "Illi l-konvenut id-Direttur tal-Kuntratti kien ippublika tender CT 433/2009 *Nursing Services at Mount Carmel Hospital* fit-20 ta' Novembru 2009 u s-socjeta attrici kienet ssottomettiet t-tender fit-12 ta' Jannar 2010, u fid-9 ta' Settembru 2010 waslet ir-rakkomandazzjoni lis-socjeta attrici li t-tender kienet giet accettata.

1. “Illi fil-frattemp fit-12 ta’ Marzu 2010, l-Gvern ta’ Malta kien ippublika emendi rigward il-ligi li tirrigwarda l-*part-time employment*, u dan permezz ta’ avviz legali numru 117 tal-2010, li kienu se jsiru operattivi fit-12 ta’ Settembru 2010.

2. “Illi bhala rizultat ta’ dawn l-emendi, t-*tender* li kienet giet sottomessa mis-socjeta attrici ma setghetx tkun aktar valida ghaliex kienu nbiddlu radikalment c-cirkostanzi ekonomici u finanzjarji li jolqtu direttament il-vijabilita ta’ l-offerta tas-socjeta attrici;

3. “Illi ghalhekk fis-6 ta’ Ottobru 2010, is-socjeta attrici permezz ta’ ittra, nformat lill-direttur tal-kuntratti illi jekk ma kienx se jkun hemm kumpens mar-rati li kienu gew stabbiliti fit-*tender*, t-*tender* kif accettat mis-socjeta attrici ma setax jigi onorat u dan a bazi tal-principju *rebus sic stantibus*.

4. “Illi stante li da parti tal-konvenut d-Direttur tal-Kuntratti, ma kienx hemm tibdil fic-cirkostanzi u li ghalhekk is-socjeta attrici ma kienitx aktar ekonomikament u finanzjarjament f’posizzjoni li tesegwixxi t-*tender*, permezz ta’ ittra datata 4 ta’ Novembru 2010, is-socjeta attrici nformat li-Direttur tal-Kuntratti li kienet qed tirtira t-*tender,* u dan minhabba z-zieda sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-*part-time workers* li mpona l-Gvern stess.

5. “Illi wara din l-ittra, d-Direttur tal-Kuntratti xorta wahda talab lis-socjeta attrici sabiex tersaq ghal iffirmar ta’ dan il-kuntratt ghat-*tender* u dan sas-26 ta’ Novembru 2010.

6. “Illi ghalkemm is-socjeta attrici kienet nformat lid-Direttur tal-Kuntratti li rtirat it-*tender* u fil-fatt is-socjta attrici ma resqetx ghal iffirmar tal-kuntratt, xorta wahda permezz ta’ ittra datata 2 ta’ Dicembru 2010, s-socjeta attrici giet nfurmata mill-Bank of Valletta plc illi d-Direttur tal-Kuntratti ha b’garanzija l-*bid bond* relattiva ghal dan it-*tender* u dan fl-ammont ta’ hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000).

7. “Illi ghalhekk stante li s-socjeta attrici ma kientx ffirmat l-kuntratt relattiv ghat-*tender,* u mhux hekk biss izda kienet nformat lid-Direttur tal-Kuntratti li dan it-*tender* kien qed jigi rritirat u dan stante l-introduzzjoni ta’ emendi legislattivi da parti tal-gvern stess, li biddlu radikalment ic-cirkostanzi tad-*tender*, id-Diretturi tal-Kuntratti xorta wahda rrtira l-*bid bond* li kienet giet offerta precedentement ghal *tender* li issa kien ritirata;

8. “Illi dan l-agir tad-Direttur tal-Kuntratti sar ghal kollox *in mala fede* anzi kontra dik l-*uberimma fide* li ghandha tmexxi kull kontratazzjoni kummercjali tant ghaliex l-istess Direttur tal-Kuntratti, granet wara hareg offerta ghall-kwotazzjonijiet ghall-istess servizz fl-isptar u accetta l-prezzijiet godda li offriet l-istess socjeta attrici a bazi

ta' dak li l-Gvern illegisla fil-konfront tal-haddiema *part-time* f'Settembru 2010.

9. "Illi ghalhekk meta l-konvenut Direttur tal-Kuntratti rrtira l-bid bond relattiva, ghamel arrikiment ingust favur tieghu a dannu tas-socjeta attrici, fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€ 25,000), u dan *in mala fede* u kontra *l-uberrima fide* li tirregola l-kuntratti kummercjali.

10. "Illi ghalkemm interpellat permezz ta' protest datat 9 ta' Dicembru 2010, l-konvenut baqa inadempjenti.

"Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex

1. "Tordna lill-konvenut Direttur tal-Kuntratti sabiex jirrifondi l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€ 25,000) flimkien mal-imghax legali mid-data ta' meta din is-somma giet rritirata, jigifieri mit-2 ta' Dicembru 2011 sad-data tal-effettiv rifuzjoni".

Rat ir-risposta taz-zewg konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi fl-ewwel lok qiegħed jiġi rilevat li l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din it-tilwima kemm *a sensu* tal-**Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** kemm ukoll għaliex huwa palesi li l-Avukat Ġenerali m'għandu x'jaqsam xejn la direttament u la indirettament mal-fattispeċji ta' dan il-każ.

"2. Illi dwar il-mertu u bla preġudizzju għal dak fuq imsemmi l-konsiderazzjonijiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan in vista tar-raġunijiet hawn taħt prodotti li qegħdin jiġu lkoll elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin: -

i. "Ibda biex, li meta l-attrici kienet tefgħet l-offerta tagħha għas-sejħa għall-offerti CT 433/2009 hija kienet mgħarrfa bil-kondizzjonijiet u bl-obbligazzjonijiet kollha li kienu jsawwru dan il-proċess. Saħansitra f'dan ir-rigward l-istess soċjetà kienet ukoll iffirmat dikjarazzjonijiet fejn permezz tagħhom hija kienet akkonsentit li taċċetta l-kondizzjonijiet tas-sejħa għal offerti <u>mingħajr ebda riżervi</u> (**Dok. DK1** u **DK2**);

ii. "F'dawn il-kondizzjonijiet ma ġietx konċessa l-fakoltà li offerent jista' jbiddel ir-rati jew li jerġa' jinnegozja r-rati f'każ li jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi u finanzjarji li jolqot direttament il-vijabilità tal-offerta tiegħu. Anzi fi **klawżola 4.3 tal-Istruzzjonijiet lill-Offerenti** kien hemm espressament imniżżel li l-prezzijiet huma fissi u li ma kienux soġġetti għal revizjoni jew żieda fl-ispejjeż;

iii. “Taħt dan il-profil ukoll ma jonqosx li jiġi mfakkar li ladarba l-attrici kienet fil-ġirja biex tikseb kuntratt li *di per se* huwa ta’ natura aleatorja allura hija kienet taf jew setgħet tobsor li hija setgħet tkun sottoposta għal ċertu riskji u għalhekk mhux ġust li għaliex issoktaw ċertu avvenimenti mhux imputabbli lill-intimati allura dan jilleġittima lis-soċjetà rikorrenti biex taħrab mill-obbligazzjonijiet assunti minnha. Ir-rilevanza tagħha hi dik tas-solidarjetà u tal-bwona fede li timponi fuq kull parti d-dmir li taġixxi b’mod li tippreserva l-interessi tal-parti l-oħra Loġikament jekk dan ma jkunx hekk allura tiġi maħluqa sitwazzjoni għal kollox assurda li kulħadd jista’ juża’ l-iskuża konvenjenti tal-bdil fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġi eżonerat mid-dmirijiet tiegħu;

iv. “Magħdud ma’ dan, meta l-attrici ġiet mistiedna biex tindika fejn speċifikament fil-kondizjonijiet tas-sejħa l-offerta hija setgħet titlob għal reviżjoni tar-rati tal-kumpens, hija baqgħet ma weġbitx u anzi volontarjament għażlet li tirtira l-offerta tagħha u li ma tersaqx għas-sottoskrizzjoni tal-kuntratt sad-data tas-26 ta’ Novembru 2010;

v. “Fl-aħħarnett u b’enfażi l-istruzzjonijiet tas-sejħa għall-offerti fi **klawsola numru 4.1 f’paġna 5** kienu jagħmluha ċara li jekk offerent jirtira l-offerta tiegħu qabel il-perijodu tal-validità tal-garanzija jew ma jfornix *performance guarantee* wara li jirbaħ is-sejħa għall-offerti allura din l-imġieba ġġib b’konsegwenza t-telf tal-*bid-bond*. Kwindi *una volta* s-soċjetà rikorrenti rtirat l-offerta tagħha qabel il-perijodu ta’ validità allura dan kien jintitola lid-Dipartiment tal-Kuntratti billi jappropja ruħu mill-*bid bond* sottoposta mill-attrici;

3. “Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

”Il-qorti rat l-atti kollha nkluz in-nota ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet”.

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Ottubru, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“**Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez tal-ewwel eccezzjoni a karigu tal-attrici.**

**1. “Filwaqt li tiddikjara li t-talba tal-attrici ma tirnexxi fuq il-principju ta’ *rebus sic stantibus*, madankollu b’applikazzjoni tal-ekwipollenza tikkundanna lid-Direttur tal-Kuntratti sabiex ihallas**

**lill-attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) bl-imghax mil-lum[1].**

"**Salv ghal dak li nghad hawn fuq spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-kumpannija attrici u d-Direttur tal-Kuntratti**".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Fil-qosor il-fatti tal-kaz huma dawn:-

i. "Fl-20 ta' Novembru 2009 id-Direttur tal-Kuntratti hareg Tender ghal *Nursing Services at Mount Carmel Hospital*. It-Tender kienet valida ghall-perjodu ta' hames (5) xhur mid-data tal-eghluq (12 ta' Jannar 2009) biex jigu prezentati t-tenders, cjoe' sat-12 ta' Gunju 2009.

ii. "Fit-12 ta' Jannar 2010 l-attrici pprezentat it-tender. Mat-tender l-attrici tat Bid Bond ghal €25,000. Fit-tender jinghad li: *"This Bid Bond must be valid for a period of five months from the closing date of tenders. The tender guarantee must be drawn up in the name of the Director of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Malta. This Bid Bond is intended as a pledge that the Tenderer will not retract his offer up to the expiry date of the guarantee and if successful enter into a contract with the Director of Contracts on the terms stated in his Tender.*

*Hence the guarantee shall be forfeited if the tenderer withdraws his tender before the above-mentioned validity date or if the tenderer fails to provide the Performance Contracts"*.

iii. "Fit-12 ta' Marzu 2010 gie ppubblikat l-Avviz Legali numru 117 tal-2010, regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati *Part-Time*. Dawn ir-regolamenti dahlu fis-sehh fit-12 ta' Settembru 2010.

iv. "Fil-11 ta' Gunju 2010 il-bid bond favur id-Direttur tal-Kuntratt giet estiza sat-12 ta' Dicembru 2010[2]. Jidher li dan sar fuq inizjattiva tal-kumpannija attrici u mhux ghaliex kienet saret xi talba mid-Direttur tal-Kuntratti.

---

[1] Il-qorti hi tal-fehma li l-imghax ghandu jithallas mil-lum minhabba li t-talba tal-attrici ghar-rifuzjoni ta' €25,000 kienet originarjament bazata fuq it-tezi li l-Avviz Legali 117 tal-2010 kien irrenda l-offerta tal-attrici mhux iktar ekonomikament vijabbli. Kien biss wara l-eghluq tal-provi li l-attrici argumentat ghall-ewwel darba li r-rifuzjoni kellha ssir ghaliex it-tender kien skada fit-12 ta' Gunju 2010. F'dan il-kuntest ara wkoll il-protest gudizzjarju prezentat mill-attrici fid-9 ta' Dicembru 2010 a fol. 5.

[2] Fol. 225.

v. “Fl-1 ta’ Settembru 2009 id-Direttur tal-Kuntratti baghat igharraf lill-attrici li l-General Contracts Committee kienet accettat ir-rakkomandazzjoni li tinghata l-kuntratt.

vi. “B’ittra datata 6 ta’ Ottubru 2010 l-attrici nfurmat lid-Direttur tal-Kuntratt li minhabba l-Avviz Legali numru 117 tal-2010, riedet li r-rati ta’ hlas jigu riveduti. Spjegat li dawn ir-Regolamenti kienu ser jaghtu lok ghal tibdil fil-kondizzjonijiet ta’ xoghol ta’ impjegati part-time, u li dan kien ser ifisser iktar spejjez li ma kienux previsti meta saret l-offerta. F’ittra legali[3] l-attrici spjegat li l-Avviz Legali 117 tal-2010 *“....is such a radical change in the circumstances, that it has become completely impossible for us to continue with our work according to the tender.”*. Fl-istess jinghad li in vista tac-cirkostanzi *“....we have no option but to back out of the, now unrealistic order.”*.

vii. “B’email datata 25 ta Ottubru 2010 id-Direttur tal-Kuntratti gharraf lill-attrici li kienet inghatat it-tender u kellu jingabar il-kuntratt biex jigi ffirmat u jinghata lura mhux iktar tard mit-8 ta’ Novembru 2010.

viii. “B’ittra datata 19 ta’ Novembru 2010 id-Direttur tal-Kuntratti talab lill-attrici biex tiffirma l-kuntratt mhux iktar tard mill-Gimgha 26 ta’ Novembru 2010, u fin-nuqqas *“....this contract will be awarded to anotheer economic operator without any prejudice to Government’s rights.”*.

ix. “L-attrici baqghet ma ffirmatx il-kuntratt.

2. “Jibda biex jinghad li l-Avukat Generali m’huwiex legittimu kontradittur. Jekk l-attrici ghandha jedd li tiehu lura l-flus tal-garanzija, id-debitur taghha hu d-Direttur tal-Kuntratti. Jirrizulta li l-*bid bond* inghatat lid-Direttur tal-Kuntratti u l-Avukati Generali ma kellu x’jaqsam xejn mat-tender CT433/2009 *Nursing Services at Mount Carmel Hospital*, li harget fl-20 ta’ Novembru 2009. Irrizulta wkoll li kien id-Direttur tal-Kuntratti li thallas is-somma ta’ €25,000 meta pprezenta l-garanzija lill-bank.

3. “L-azzjoni tal-attrici hi bbazata fuq il-fatt li mid-data li pprezentat it-tender, gie ppubblikat Avviz Legali li kien ser iwassal biex l-impjegati part-time igawdu mill-istess kondizzjonijiet u beneficcji bhal haddiema full-time. L-attrici ssostni li dan kien ser ifisser li l-ispejjez taghha ser jizdiedu u l-prezzijiet li kkwotat kienu ser iwassal biex il-kuntratt ikun oneruz eccessivament. Fil-fehma tal-qorti dan l-argument ifalli mill-bidunett meta tqies li hadd ma gieghel lill-attrici sabiex fil-11 ta’ Gunju 2010 iggedded il-*bid bond*. Meta xehed Gaetano Bonnici, rapprezentant tal-attrici, irrizulta bl-iktar mod car li meta fil-11 ta’ Gunju 2010 gedded il-*bid bond* kien jaf bl-Avviz Legali 117 tal-2010.

[3] Dok. HS12 a fol. 109.

Mistoqsi x'kienet ir-raguni li wasslitu biex igedded il-*bid bond* gialadarba l-kundizzjonijiet tal-haddiema part-time kienu ser jinbidlu, qal:-

> "*"Mistoqsi x'kienet ir-raguni ladarba jien m'ghogbitnix is-sitwazzjoni, ghaliex meta ghamilt l-offerta il-kundizzjoni tal-impjegati part time ma kinetx dik li saret f'Marzu 2010, nghid li jien ghandi relazzjoni tajba mal-Gvern, inkwantu li jien nahdem mal-Gvern, nipprovdilu servizz.* ***Jiena ma ridtx naqbad u niddeciedi li ma ngeddidx il-bid bond ghax kont nibza' li dan seta' ikollu certu riperkussjonijiet fuq il-kumpannija attrici u dan jien ma ridtux****. Dak li ghamilt, ghamiltu in good faith. Nikkonferma li ghalija dal-kuntratt qatt ma stajt inwettqu taht il-kundizzjonijiet tal-Ligi l-gdida. Dawn gabu il-posizzjoni tal-part timer pari passu ma' posizzjoni ta' full timer u dan ghalija kien se jfisser eluf ta' liri li trid taghmel tajjeb ghalihom il-kumpannija."*[4].

"Il-qorti ma tistax taccetta dan it-tip ta' ragunament. Hu evidenti li meta fil-11 ta' Gunju 2010 giet imgedda l-*bid bond* sat-12 ta' Dicembru 2010, Gaetano Bonnici kien jaf bir-riskju u bil-konsegwenzi li kien ser igib mieghu l-Avviz Legali 117 tal-2010. Ghalkemm qal li ma riedx jitlef il-garanzija ta' €25,000[5] u li l-prezzijiet dikjarati fit-tender kienu ser ifissru telf finanzjarju ghall-attrici, ir-raguni tghidlek li ma messu qatt gedded il-*bid bond*. Il-biza' li Bonnici qal li kellu li l-kumpannija setghet issofri minn xi riperkussjonijiet mill-aspett ta' negozju mal-Gvern, ma tistax isservi bhala xi skuzanti ghat-tigdid tal-*bid bond*. Biza' li fiha nnifisha ma tikkostitwixxi l-ebda prova li hi fondata. Il-mod kif agixxiet l-attrici minkejja li kienet taf bl-Avviz Legali 117 tal-2010, ma jippermettix li hi tipprova tahrab mill-obbligu taghha billi ssostni li meta ghamlet it-tender *"....taht certu kondizzjonijiet, il-Gvern bidilli il-Ligi, b'mod li ghalija it-tender kien ser ikun iktar oneruz."*[6]. Kienet l-ghazla tal-attrici li ggedded il-*bid bond* minkejja li Bonnici kien jaf li bl-Avviz Legali 117 tal-2010 l-impjegati *part-time* kienu nghataw drittijiet fir-rigward ta' beneficcji bhal vacation leave, sick leave, u bonus. It-*tender document* jaghmilha cara li l-min jaccetta l-estensjoni tal-validita' tat-tender, ma jkunx jista' jbiddel it-tender. Salv ghal dak li ser jinghad iktar l-isfel f'din is-sentenza, dan l-ilment tal-attrici m'huwiex gustifikat meta tqies x'ghamlet fil-11 ta' Gunju 2010 ghalkemm f'paragrafu 4.3 tat-*tender document* jinghad: *"The prices quoted are fixed and not subject to revision or escalation in costs."*. Sahansitra, mill-provi rrizulta wkoll kif l-attrici ppartecipat b'mod attiv fil-proceduri li saru quddiem il-Public Contracts Appeals Board[7], fejn wahda mill-offerenti kienet qeghda tikkontesta decizjoni ta' skwalifika tal-offerta taghha. Proceduri fejn fis-7 ta' Mejju 2010 kien sar smiegh fil-pubbliku, cjoe' wara l-pubblikazzjoni tar-Regolamenti li l-attrici qeghda ssostni li ghamlu iktar oneruzi t-twettiq tal-obbligazzjonijiet min-naha taghha. F'dawn ic-cirkostanzi ma ghandux ikun li l-attrici tipprova tiggranfa mal-kuncett ta' *rebus sic stantibus*.

---

[4] Seduta tad-9 ta' Frar 2012 – fol. 229.
[5] Ara fol. 229.
[6] Gaetano Bonnici – fol. 229.
[7] Kopja tad-decizjoni prezentata fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2012 (Dok. XX2).

4. "Kif iddikjaraw il-konvenuti, kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-attrici argumentat li t-talba ghar-rifuzjoni ta' €25,000 ghandha tintlaqa' ghaliex ma kenitx ghadha marbuta bl-obbligi tat-tender. Minn qari tar-rikors guramentat hu evidenti li l-attrici bbazat l-azzjoni fuq il-principju ta' *rebus sic stantibus*, in kwantu tallega li l-Avviz Legali 117 tal-2010, li dahal fis-sehh wara li l-attrici pprezentat it-tender, biddel radikalment ic-cirkostanzi ekonomici li kienu jolqtu l-vijabilita' tal-offerta tal-attrici.

"Madankollu hi l-fehma tal-qorti li xorta ghandha tinvestiga t-tezi tal-attrici a bazi tal-principju tal-ekwipollenza. Hekk per ezempju gara fil-kawza **Giovanna Calleja vs Avukat Dottor Jose' Herrera et nomine** deciza fil-5 ta' Ottubru 1992 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[8], fejn it-talba kienet ghar-rifuzjoni ta' somma flus li l-attrici allegat li tat lill-konvenuta biex tiddepozitaha fil-bank. Il-qorti waslet ghal konkluzjoni li l-attrici kienet tat il-flus b'donazzjoni, u gialadarba ma saritx bil-miktub id-donazzjoni kienet nulla. Ghalhekk il-qorti kkundannat lill-konvenuta biex trodd lura l-flus. M'hemmx dubju li dan il-kuncett ighin biex jigi evitat il-moltiplikazzjoni ta' kawzi u dewmien ta' kwistjonijiet u jnaqqas l-ispejjez. Dan fl-interess tal-partijiet u l-amministrazzjoni tal-gustizzja in generali.

"Gialadarba l-provi li kellhom il-partijiet tressqu u ghamlu wkoll sottomissjonjiet dwar jekk it-tender tilifx l-effetti tieghu, il-qorti ma tararx li hemm htiega li jerga' jinfetah l-istadju tas-smiegh tal-provi.

"Fit-tender, fil-parti "Tender Validity Period", jinghad ***"5 months from Deadline for submission of Tenders"***[9]. Dan ifisser li t-tender kien jorbot sat-12 ta' Gunju 2010, peress li d-data tal-eghluq ghas-sottomissjonijiet tat-tenders kienet 12 ta' Jannar 2010. Sat-12 ta' Gunju 2010 l-attrici kienet ghadha ma gietx infurmata li kienet giet rakkomandata mill-General Contracts Committee biex tinghata l-kuntratt. Skond klawzola 6[10]:-

> "*"Tenderers are bound by their tenders for five months after the deadline for the submission of tenders. In exceptional cases and prior to the expiry of the original tender validity period, the Contracting Authority may ask tenderers in writing to extend this period. Tenderers that agree to do so will not be permitted to modify their tenders. If they refuse, their participation in the tender procedure will be terminated.*
>
> "*The selected tenderer must maintain its tender for a futher 60 days from the date of notification that its tender has been recommended for the award by the General Contracts Committee.*[11]*"*.

---

[8] Imhallef J. Said Pullicino.
[9] Fol. 183.
[10] Fol. 185.
[11] Fir-rigward ta' dawn is-sittin gurnata, l-attrici ddikjarat (ara paragrafu 7 tan-nota ta' sottomissjonjiet), li peress id-data ta' rakkomandazzjoni kienet l-1 ta' Settembru 2010, it-tender baqa' validu sat-30 ta' Ottubru 2010 *"....u ghalhekk is-socjeta attrici setghet tirtira t-*

"Jirrizulta li gurnata qabel skada t-tender, l-attrici qabdet u ghamlet tigdid tal-*bid bond* ghal sitt xhur ohra. Ma tressqet l-ebda prova li dan sar fuq talba tad-Direttur tal-Kuntratti. Anzi l-avukat Dr Franco Agius[12], xehed:

"***Mill-file tad-Dipartiment jirrizulta li t-tigdid tal-bid bond sar b'mod volontarju**. **Sa dik id-data lanqas biss konna ghandha tlabna li jkun hemm tigdid**.........*

"*Kontro-ezami:*

"*F'dan il-kaz milli jidher, il-kuntrattur gedded il-bid bond minn jeddu. Fil-file m'hemmx kopja ta' l-avviz li ahna normalment nibghatu biex jiggedded il-bid bond."*[13].

"Hu evidenti li d-Direttur tal-Kuntratti ma hax passi biex igedded l-effetti tat-tender ghal wara t-12 ta' Gunju 2010. Fil-fehma tal-qorti l-konsegwenza hi li t-tender tilef l-effetti kollha tieghu, irrispettivament ta' x'ghamlet l-attrici gurnata qabel. Ghalkemm l-attrici tat *bid bond* ta' €25,000 li kienet valida sat-12 ta' Dicembru 2010, dan ma kienx bizzejjed. It-*tender document* stess jipprovdi li "*In exceptional cases and prior to the expiry of the original tender validity period, the Contracting Authority may ask tenderers in writing to extend this period."* (klawzola 6). Minn dan kollu ma sar xejn. Din hi procedura stabbilita mill-istess Direttur ghal finijiet ta' tigdid tal-perjodu ta' validita tat-tender, u li ghalhekk ghandha tigi segwita fl-interess ta' kull min seta' ghandu nteress inkluz dawk il-persuni li m'humiex parti f'din il-kawza. L-estensjoni tat-terminu ta' validita tat-tender ma jiskattax bl-ghoti ta' tigdid ta' *bid bond* mill-offerent, imma bil-mod kontemplat f'paragrafu 6. Ghalhekk dak kollu li sar wara t-12 ta' Gunju 2010 ma jistax jinghad li sar taht il-pattijiet u kondizzjonijiet tat-*tender document*. Ghaldaqstant, il-konvenut ma jistax jinvoka l-klawzola 4.1 bhala difiza ghat-talba tal-attrici biex tithallas lura s-somma ta' €25,000[14]".

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

---

*tender taghha minghajr ma jkun hemm l-ebda konsegwenzi, jigifieri minghajr ma titlef il-bid bond."*. Il-qorti ma taqbilx li l-attrici ghandha jedd ghar-rifuzjoni a bazi ta' din it-tezi. F'ittra li baghatet fis-6 ta' Ottubru 2010 ikkonfermat li kienet giet notifikata fid-9 ta' Settembru 2010. Mela l-perjodu ta' sittin jum kien jaghlaq fid-9 ta' Novembru 2010. Pero' mill-korrispondenza li ntbaghatet (ara fol. 111 u 112) hu evidenti li ghalkemm f'dan il-perjodu l-attrici intalbet tiffirma l-kuntratt, kienet qeghda tippretendi li jigu riveduti r-rati ta' hlas. In-nuqqas taghha li tiffirma l-kuntratt ma jista' jfisser xejn ghajr rifjut.

[12] *Procurement Manager* fid-Dipartiment tal-Kuntratti.

[13] Fol. 243.

[14] Ara eccezzjoni numru 4(v) prezentata fil-25 ta' Mejju 2011.

> "..**tirriforma** s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili Prim' Awla fl-ismijiet "**Health Services Group Limited vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et**" (Rikors Nru 381/2011 AE moghtija fid-29 ta' Ottubru 2012, billi:-
>
> "(i) **Tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn helset mill-osservanza tal-gudizzju lill-Avukat Generali u fejn cahdet it-talbiet tas-socjeta` appellata fuq il-bazi tal-principju *rebus sic stantibus*; u
>
> "(ii) **Thassarha, tirrevokaha, u tannullaha** fil-bqija fejn laqghet it-talbiet tal-imsemmija socjeta` appellata bl-applikazzjoni tal-ekwipollenza u minflok tichad l-istess talbiet
>
> "Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata".

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti:

> "..sabiex filwaqt li tichad l-appell tal-konvenut appellant, tikkonferma s-sentenza li nghatat mill-Prim Awla fil-29 ta' Ottubru 2012. Bl'ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti".

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2017, quddiem din il-Qorti, id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob ir-rimbors ta' €25,000 fuq il-kawzali li meta l-konvenut Direttur tal-Kuntratti rtira l-*bid bond* li hi kienet ressqet ma offerta li pprezentat wara sejha ghall-offerti ghall-*nursing services* fl-isptar Monte Karmeli (offerta li hi kienet sussegwentement

irtirat), "*ghamel arrikiment ingust favur tieghu a dannu tas-socjeta` attrici*". L-azzjoni attrici kienet mibnija unikament fuq il-principju tal-bdil tac-cirkostanzi (*rebus sic stantibus*) u dan ghaliex hija kienet qed issostni li ga ladarba posterjorment ghall-partecipazzjoni taghha fis-sejha pubblika, kienu gew introdotti regolamenti godda dwar il-kondizzjonijiet tal-*part timers*, hija ma kenitx aktar marbuta bir-rati originali li kienet offriet meta tefghet l-offerta taghha. L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici fuq din il-bazi, pero`, xorta wahda ordnat ir-refuzjoni tal-flus "*b'applikazzjoni tal-ekwipollenza*".

Il-konvenut appella mis-sentenza, bl-ewwel aggravju jkun li l-Qorti, darba li cahdet il-bazi tal-azzjoni attrici, kellha tichad it-talbiet, u mhux issib ragunijiet ohra biex tara kif tilqa' t-talba attrici.

Din il-Qorti tara li ghandha taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenut appellant. Darba l-bazi tal-azzjoni attrici ma tirrizultax, il-kawza kellha tieqaf hemm bic-cahda tat-talbiet attrici. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Micallef v. Mizzi**, deciza fil-24 ta' Frar, 2012:

> "*Huwa principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza l-Imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni. Is-sentenza kellha ghalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni. Kawzali kif espressa fic-citazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawza u l-Qorti ghandha toqghod u*

> *tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fic-citazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza moghtija tkun extra petita*".

Aktar ricenti din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **Grima v. Said** deciza fil-25 ta' Novembru, 2016, osservat illi:

> "Il-gurisprudenza taghha taghmilha cara li l-ebda Qorti, b'mod specjali f'kawza quddiem Qorti superjuri (a kuntrarju ta' kawza quddiem Qorti inferjuri) ma tista' twessa' t-talba li tkun imressqa mill-atturi. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Carmelo Cassar v. Victor Zammit**[15] insenjat illi:
>
> > "*Hu maghruf, u anke accetat, in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Hi wkoll regola procedurali, sostenuta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex, kif ritenut, "mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni"*".

Mill-premess, jirrizulta car li l-Qorti trid tiddeciedi biss a bazi tar-raguni guridika tat-talba, u jekk din ma tirrizultax, din ma tistax tinbidel, u t-talba trid tigi michuda.

Dan l-aggravju tal-konvenut appellant sejjer jigi milqugh u s-sentenza tal-ewwel Qorti rrevokata. Ghandu jinghad li s-socjeta` attrici ma appellatx mid-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn din qalet li l-azzjoni attrici ma setghetx tirnexxi fuq il-principju ta' *rebus sic stantibus*, u allura din il-materja ghaddiet in gudikat u torbot lill-partijiet.

[15] Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit, App. Inf. (Imh. P. Sciberras) 23.06.2004

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti billi tilqa' l-istess, tirrevoka u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Ottubru, 2012, u tghaddi biex tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb